# Malta inkluża bħala punt ta' tluq għall-Camino de Santiago

Heritage Malta

**Stqarrija | 10 ta' Jannar 2023**

Malta ġiet miżjuda mal-lista ta' postijiet minn fejn wieħed jista' jibda l-Camino de Santiago, grazzi għall-inizjattiva ta' diversi entitajiet fosthom Heritage Malta.

Il-Camino de Santiago hija rotta ta' pellegrinaġġ li tista' tinbeda minn punti ta' tluq differenti f'għadd ta' pajjiżi Ewropej. Malta issa hija wieħed minn dawn il-punti ta' tluq, b'rotta msejħa Camino Maltés li hija twila mat-3,600 kilometru u li tinkludi wkoll lil Sqallija, Sardinja u Barċellona.

Il-parti tal-mixja li ssir f'Malta stess hija twila madwar 35 kilometru. Tibda mill-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat, tinżel lejn iż-Żejtun, tibqa' sejra sal-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu u fl-aħħar taqsam il-port lejn il-Belt Valletta, minn fejn il-pellegrini jitilqu bil-baħar lejn Sqallija. Qrib id-daħla tal-Forti Sant'Anġlu se titqiegħed tabella li tipponta lejn Galicia fi Spanja, biex tindika l-aħħar waqfa lokali tul il-Camino Maltés qabel wieħed jissokta bi triqtu lejn Sqallija.

Il-Forti Sant'Anġlu ntgħażel bħala r-rappreżentant tal-Camino Maltés għal diversi raġunijiet, fosthom ir-rabtiet tiegħu mal-Kavallieri ta' San Ġwann, is-servizz u r- raison d'être tal-Ordni nnifsu, ir-rotot marittimi, il-qagħda tal-Forti fil-Port il-Kbir, ir-rabta tiegħu mal-Birgu, mat-Tlett Ibliet u mal-Belt Valletta, kif ukoll il-pellegrinaġġi lokali u dak li jirrappreżentaw.

Fil-Forti Sant'Anġlu fl-aħħar jiem saret laqgħa pubblika fejn ingħata tagħrif dwar il-Camino Maltés, l-istorja warajha u kif il-pellegrini jistgħu jgawdu x-xenarju ta' pajjiżna meta jużaw lil Malta bħala l-punt tat-tluq fil-pellegrinaġġ tagħhom. Dawk li attendew ġew indirizzati minn rappreżentanti tal-entitajiet li kkollaboraw f'din l-inizjattiva, jiġifieri l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ permezz tal-Ambaxxata ta' Malta fi Spanja, Heritage Malta, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, u Xircammini, li hija l-assoċjazzjoni uffiċjali Maltija li tirrappreżenta l-Federazzjoni Internazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tal-Ħbieb tal-Camino de Santiago.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta